EUROPEAN SOCIAL FUND
MALTA 2007-2013

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR THE EU PRESIDENCY 2017 AND EU FUNDS

Learning Outcomes Framework

# Design of learning Outcomes Framework, Associated Learning and Assessment Programmes

ESF Project 1.228

# Maltese

## educators feedback

Operational Programme II - Cohesion Policy 2007-2013
*Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life*
Project part-financed by the European Union
European Social Fund
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

***Investing in Your Future***

# Number of respondents

| | |
|---|---|
| Education Officers | 1 |
| Head / Assistant Head of school / Deputy Heads | 0 |
| Head Of Departments | 1 |
| Inculsion Coordinators | 0 |
| Learning Support Assistants | 0 |
| Other | 5 |
| Subject Specialists | 0 |
| Teachers | 11 |
| University Lecturers | 1 |
| Vocational Education Training Lecturers | 0 |

# Statistics



Focused on the learner
StronglyDisagree: 5.3% (1)
StronglyAgree: 31.6% (6)
NeitherAgreeNorDisagree: 10.5% (2)
Disagree: 0.0% (0)
Agree: 52.6% (10)




Comprehensive
StronglyDisagree: 5.3% (1)
StronglyAgree: 21.1% (4)
NeitherAgreeNorDisagree: 15.8% (3)
Disagree: 31.6% (6)
Agree: 26.3% (5)




Clear
StronglyDisagree: 0.0% (0)
StronglyAgree: 10.5% (2)
NeitherAgreeNorDisagree: 26.3% (5)
Disagree: 15.8% (3)
Agree: 47.4% (9)

## Articulate




## Good for providing direction for learning activities




## Good guidelines for teaching and assessment



## Measurable




## Suitable for providing progression




## I feel that the Learning Outcomes approach will help me in my teaching



I feel that the Learning Outcomes approach will enhance my teaching practice



# Feedback

#682

education_officer maltese secondary state_school

***General comments or concerns about the subject:***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

#684

teacher maltese secondary state_school

***General comments or concerns about the subject:***

Għalkemm il-grammatika ma tantx fiha marki fl-eżami aħħari, imma nemmen li għandna nagħtu l-ispazju li għandha bżonn, meta nafu li l-maġġoranza tal-istudenti jbatu minnha. Dan jiġi rifless fl-oqsma l-oħra tal-ħiliet, u l-letteratura.

Mill-bqija, jista' jkun iktar ċar fl-ispjega u jingħata taħriġ speċjalizzat fuq l-LOFs lill-għalliema u persuni oħra konċernati. Hekk kulħadd jibda fuq il-linja t-tajba u ħadd ma jkun f'diffikulta`.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

Il-qasam tal-lingwa; grammatika u ortografija.

#686

other maltese Lettur tal-Università u Kap tad-Dipartiment

***General comments or concerns about the subject:***

L-istruttura mhix komprensiva għax ma tippreżentax il-grammatika u l-letteratura bħala ħiliet separati (assessjati u ċċertifikati għalihom). Dan se jgħarraq il-kompetenza tal-istudenti f'żewġ ħiliet li dejjem urew għarfien tajjeb tagħhom. L-aspetti letterarji li jissemmew (eż. alliterazzjoni, personifikazzjoni, ġeneri) huma mħallta ma' ġeneri diskursivi u miktubin oħra, u ppreżentati biss bħala eżempji ta' ħiliet oħra ewlenin, mhux bħala xejriet ta' ħila letterarja mgħallma u assessjata bħala sensibilità estetika lejn il-lingwa, qasam distint bl-għodod tiegħu. Skont l-LOF tal-Ingliż (livell 6), il-letteratura Ingliża se tiġi mgħallma għaliha b'attenzjoni ammirevoli lejn kif l-għodod letterarji jaħdmu flimkien f'kuntest estetiku. Jiġifieri l-istess studenti se jkollhom assessjar/teknika tal-letteratura Ingliża għaliha, iżda mhumiex se jitqiesu kapaċi/denji tal-istess ħila letterarja separata fil-lingwa materna tagħhom! B'din l-istruttura l-Malti se jiġi mgħallem lill-istudenti Maltin bħallikieku huwa lingwa barranija li jistħoqqilha biss l-aktar ħiliet bażiċi. X'kisba ċara għall-Ingliż u telfa ċara għall-Malti! Is-semma tal-grammatika/letteratura fit-titli tal-ħiliet bażiċi ma tikkumpensax għat-telfa tagħhom bħala ħiliet.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

#687

other maltese Lettur tal-Università u Kap tad-Dipartiment

***General comments or concerns about the subject:***

L-istruttura mhix komprensiva għax ma tippreżentax il-grammatika u l-letteratura bħala ħiliet separati (assessjati u ċċertifikati għalihom). Dan se jgħarraq il-kompetenza tal-istudenti f'żewġ ħiliet li dejjem urew għarfien tajjeb tagħhom. Minflok, se jinħela l-ħin tat-tagħlim f'ħiliet ħafna aktar bażiċi biss, bħas-smigħ ta', ngħidu aħna, "Taqsamx it-Triq," espressjoni li studenti bejn 7 u 9 snin ikunu ilhom li tgħallmuha mid-dar. Skont l-LOF tal-Ingliż (livell 5), il-letteratura Ingliża se tiġi mgħallma għaliha b'dettalji bħall-onomatopea, is-similitudni, eċċ. Jiġifieri l-istess studenti se jkollhom assessjar/teknika tal-letteratura Ingliża iżda mhumiex se jitqiesu kapaċi/denji tal-istess ħila separata fil-lingwa materna tagħhom! B'din l-istruttura l-Malti se jiġi mgħallem lill-istudenti Maltin bħallikieku huwa lingwa barranija, li fiha tikseb biss l-aktar ħiliet bażiċi, waqt li l-Ingliż se jingħata l-firxa ta' ħiliet li jistħoqqlu. Nammira lil min fassal l-LOF tal-Ingliż għall-għarfien separat li taw lil-lingwa u lil-letteratura, u tassew jiddispjaċini għat-trattament li ngħata lill-Malti. Is-semma tal-grammatika/letteratura fit-titli tal-ħiliet bażiċi ma tirriflettix il-kontenut tal-ħiliet.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

---

#688

other | maltese | Lettur tal-Università u Kap tad-Dipartiment

***General comments or concerns about the subject:***

L-istruttura mhix komprensiva għax ma tippreżentax il-grammatika u l-letteratura bħala ħiliet separati (assessjati u ċċertifikati għalihom). L-istruttura qed tipprova tlaqqa' flimkien diversi ġeneri/reġistri/tekniki/partijiet tad-diskors f'kull waħda mill-erba' ħiliet, minflok tqassam dawn l-elementi f'sitt ħiliet b'arranġament inqas eteroġenju u konfuż. L-aspetti letterarji li jissemmew (eż. alliterazzjoni, personifikazzjoni, ġeneri) tħalltu ma' ġeneri diskursivi u miktubin oħra, u jidhru biss bħala eżempji ta' ħiliet oħra ewlenin, minflok ingħataw kategorija għalihom iddedikata lill-arti tal-kelma. L-LOF tal-Ingliż (livell 7), ngħidu aħna, huwa ħafna aktar ċar, mirqum, u organizzat għax jaqsam il-kontenut f'ħames ħiliet, u b'mod intelliġenti jgħaqqad is-smigħ u t-taħdit. Il-letteratura Ingliża se tiġi mgħallma għaliha b'attenzjoni ammirevoli lejn kif l-għodod letterarji jaħdmu flimkien f'kuntest estetiku. Jiġifieri l-istess studenti se jkollhom assessjar/teknika tal-letteratura Ingliża għaliha, iżda mhumiex se jitqiesu kapaċi/denji tal-istess ħila letterarja separata fil-lingwa materna tagħhom! B'din l-istruttura l-Malti se jiġi mgħallem lill-istudenti Maltin bħallikieku huwa lingwa barranija li jistħoqqilha biss l-aktar ħiliet bażiċi.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

---

#689

other | maltese | Lettur tal-Università u Kap tad-Dipartiment

***General comments or concerns about the subject:***

L-istruttura hija mirquma u ċara, għax ma tifframmentax il-kontenut mgħallem f'wisq elementi eteroġenji miġburin taħt erba' ħiliet bażiċi biss, bħalma ġara f'Livelli 5, 6, u 7, li għandhom diversi ġeneri, reġistri, tekniki, partijiet tad-diskors, stili, u xejriet letterarji marsusin f'uħud mill-ħiliet fundamentali (is-smigħ, it-taħdit, il-qari, u l-kitba). It-taqsima letterarja għandha firxa tajba ta' tekniki u ġeneri, u tagħti l-attenzjoni mistħoqqa lill-esperjenzi interpretattivi tal-istudenti meta dawn jiġu biex japprezzaw il-letterarjetà tal-lingwa materna tagħhom. Jien kont nevita l-użu tal-kelma "messaġġi" f'din it-taqsima, biex l-istudenti jidraw minn kmieni ma jirriduċux l-esperjenza artistika tal-Malti għall-messaġġ jew għall-ħsieb tal-awtur. Il-kelma "valuri" weħidha diġà taqdi tajjeb is-sens ta' kontenut letterarju. Iżda jekk għandha tiżdied frażi mal-kelma "valuri," din aħjar tkun il-frażi "żvilupp tematiku." Il-metalingwa hija kemxejn abbundanti fil-kontenut, u dan jista' jittaffa jekk f'Livell 7 tiddaħħal il-ħila grammatikali/l-għarfien tal-lingwa bħala taqsima għaliha, u din it-taqsima tieħu ftit mill-elementi (l-aktar ħfief) tal-istess ħila f'Livell 8.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

---

#690

other | maltese | Lettur tal-Università u Kap tad-Dipartiment

***General comments or concerns about the subject:***

L-istruttura hija ċara għax ma tifframmentax il-kontenut mgħallem f'wisq elementi eteroġenji (i.e. diversi ġeneri, reġistri, tekniki, partijiet tad-diskors, stili, u xejriet letterarji) marsusin f'erba' ħiliet bażiċi biss, bħalma ġara f'Livelli 5, 6, u 7. It-taqsima letterarja għandha firxa tajba ta' tekniki u ġeneri, u tagħti l-attenzjoni mistħoqqa lill-esperjenzi interpretattivi tal-istudenti meta dawn jiġu biex japprezzaw il-letterarjetà tal-lingwa materna tagħhom. Livell 9 huwa l-ogħla grad ta' tagħlim tal-Malti fis-sekondarja, u għalhekk fit-taħdit kont ninkludi wkoll taħriġ f'reġistri marbutin ma' impjiegi/karrieri partikulari (eż. xandir, politika, ġurnaliżmu, eċċ.) flimkien mar-reġistri ta' suġġetti bħall-Fiżika u l-Kimika. Fis-smigħ hemm ħafna abbiltajiet (eż. ton sarkastiku, ton ironiku, sens figurattiv tal-kliem) li l-istudenti se jkunu ilhom li qabdu b'mod intuwittiv mill-użu kontinwu tal-lingwa materna tagħhom. Għal din ir-raġuni, nissuġġerixxi li s-smigħ jingħaqad mat-taħdit f'ħila waħda li tiffoka fuq l-interpretazzjoni kif ukoll il-produzzjoni ta' xejriet aktar sottili tat-taħdit bil-Malti.

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

**#691**

teacher maltese secondary church_school

*General comments or concerns about the subject:*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

**#692**

teacher maltese church_school

*General comments or concerns about the subject:*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

**#693**

teacher maltese secondary state_school

*General comments or concerns about the subject:*

Filwaqt li naħseb li hu ġustifikat u meħtieġ li kultant il-kontenut u l-metodoloġiji jinbidlu, naħseb ukoll li t-tibdil propost hu wisq u radikali żżejjed. Biex miżura ta' tibdil tirnexxi trid tiddaħħal bil-mod u mhux eżatt wara qabda tibdil ieħor li sar f'dawn l-aħħar snin. Wara li rajt l-abbozz ta' tibdil fit-tagħlim tal-Malti, ikkonkludejt li jekk jiġu attwati dawn il-proposti l-għalliema se jkollhom ruxxmata xogħol ta' preparazzjoni kemm fil-metodoloġija kif ukoll fil-kontenut, u dan irid isir f'daqqa u mingħajr iż-żmien neċessarju biex jitlesta. Wara li tkun għamilt ħafna snin tipprepara lezzjonijiet u tħejji riżorsi, hu diffiċli taċċetta li tkun trid tarmi u tibdel kważi kollox! Dawn il-miżuri ma jimmotivawkx biex taħdem għax huma qawwija wisq. Forsi aktar importanti minn dan, miniex konvint li l-istudenti ħa jitgħallmu iżjed b'din il-bidla kollha.

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

**#694**

head_of_department maltese secondary church_school

*General comments or concerns about the subject:*

Kemm se jkun possibbli li għalliem fil-livell taċ-ĊES ikejjel dan li qed jiġi propost?

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

#695

teacher maltese secondary church_school

*General comments or concerns about the subject:*

Jiena naqbel li l-ħiliet tas-smigħ u t-taħdit għandhom jitwaħħdu minħabba li narahom li jimxu sew id f'id. Madankollu, ma naqbilx li l-oqsma tal-grammatika u l-letteratura qed jitwaħħdu ma' ħiliet jew oqsma oħra. Il-letteratura naħseb li għandha tkun qasam għalih waħdu biex l-istudenti jagħrfu t-teknika li għandha tintuża biex janalizzaw test letterarju.

Din il-gwida ma nħossx li hija strutturata sew li tinftiehem mill-għalliema sabiex itejbu x-xogħol tagħhom. Hemm partijiet li verament huma addattati u korretti iżda hemm oħrajn li għandhom jiġu spjegati iżjed b'mod ċar bil-ħiliet u l-oqsma kollha wara xulxin.

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

#696

teacher maltese secondary church_school

*General comments or concerns about the subject:*

Jiena naqbel li l-ħiliet tas-smigħ u t-taħdit għandhom jitwaħħdu minħabba li narahom li jimxu sew id f'id. Madankollu, ma naqbilx li l-qasam tal-letteratura qed jitwaħħdu ma' ħiliet jew oqsma oħra. Il-letteratura naħseb li għandha tkun qasam għalih waħdu biex l-istudenti jagħrfu t-teknika li għandha tintuża biex janalizzaw test letterarju.

Din il-gwida ma nħossx li hija strutturata sew li tinftiehem mill-għalliema sabiex itejbu x-xogħol tagħhom. Hemm partijiet li verament huma addattati u korretti iżda hemm oħrajn li għandhom jiġu spjegati iżjed b'mod ċar bil-ħiliet u l-oqsma kollha wara xulxin.

Xi sottotitli ma fhimtx għaliex m'hemmx deskrizzjoni miktuba taħthom.

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

#697

university_lecturer maltese

*General comments or concerns about the subject:*

Dawn il-Kisbiet mit-Tagħlim huma l-frott ta' ħafna xogħol u dedikazzjoni. Il-problema tinsab fil-punt tat-tluq, fid-direzzjoni prinċpali. In-nuqqasijiet serji li nara mhumiex ir-riżultat ta' nuqqas ta' impenn imma tal-għażla li tirriduċu t-tagħlim tal-Malti għal livell li la jirrispetta lill-Malti, l-ilsien nazzjonali, il-lingwa tal-biċċa l-kbira tal-Maltin, u wisq inqas lill-istudenti. U dan huwa l-iktar nuqqas serju

L-iskop tal-edukazzjoni obbligatorja mhuwiex li "jgħallem" lill-biċċa l-kbira tal-istudenti dak li diġà jafu bħala kelliema nattivi, imma li jurihom x'jistgħu jagħmlu b'dak l-għarfien tal-Malti biex iħaddmu l-lingwa tagħhom b'mod intelliġenti, kritiku, fin, effettiv. L-isfida tal-għalliema u tas-sistema edukattiva kollha kemm hi kbira fil-każ tal-Malti għax it-tagħlim irid jinbena fuq l-għarfien nattiv u l-patrimonju lingwistiku u intellettwali li l-biċċa l-kbira tal-istudenti diġà għandhom. Is-sehem tal-letteratura, f'KULL FAŻI tal-edukazzjoni tal-istudenti, huwa kruċjali għax joffrilhom il-possibbiltà li jagħmlu qabża kbira ta' kwalità fit-tħaddim tal-lingwa. Dawn il-kisbiet MA jilqgħux l-isfida li joffru lill-istudenti l-aqwa tagħlim possibbli skont il-ħiliet individwali tal-istudenti.

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

---

#698

teacher maltese secondary state_school

*General comments or concerns about the subject:*

Livell 5

L-Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit

Naqbel ħafna mal-punt 16: 'Nieħu sehem f'diskussjonijiet fi gruppi żgħar, fejn nesprimi l-fehmiet u l-ħsus tiegħi bi struttura grammatikali u sintattika tajba, skont il-firxa tal-vokabularju tal-età tiegħi u b'intonazzjoni tajba fejn meħtieġ.' - aktar ma dan it-tip ta' taħriġ jibda kmieni aktar hemm possibbiltà li meta dawn it-tfal jikbru jkunu kapaċi jitkellmu b'kunfidenza quddiem udjenza u jużaw Malti tajjeb u mexxej.

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

L-Aspett tas-suġġett: Il-Qari

F'punt 15 nissuġġerixxi li wara 'bl-għajnuna tal-għalliema' jiżdied il-kliem 'u tal-ġenituri/qraba/kustodji tiegħi'

Aktar ma t-tfal iħossu lill-għeżież tagħhom parteċipi fl-għażliet tal-kotba li jaqraw aktar hemm possibbiltà li l-qari jsir attività ta' gost li tiġbor il-familja flimkien.

---

#699

teacher maltese secondary state_school

*General comments or concerns about the subject:*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.*

*Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.*

L-Aspett tas-Suġġett: It-Taħdit

F'punt 16 nissuġġerixxi li wara 'iż-żmien u l-ħin' jiżdied il-kliem 'id-distanzi u t-temperaturi' biex il-lista tal-eżempji tkun aktar komprensiva.

L-Aspett tas-Suġġett: Il-Kitba

F'punt 10 nissuġġerixxi li wara 'fuq temi varji' nżid il-kliem 'anki fittizji u fantastiċi bħal, ngħidu aħna, bejn karozza u mutur, għasfur u ħuta, lapes u gomma, laptop u mowbajl, u l-bqija' biex it-tfal ikunu jistgħu jimirħu fil-fantasija tagħhom fid-djalogi li jiktbu.

---

#700

teacher maltese secondary church_school

*General comments or concerns about the subject:*

Naqbel li jkun hemm għadd ta' kisbiet tat-tagħlim għax dawn jagħtu direzzjoni lill-għalliema fejn għandhom jaslu.

Biss għandi dubji serji kif ser jiġu assessjati dawn il-kisbiet u fi x'ħin. Jekk wieħed iħares biss lejn Il-Kitba hemm għadd ta' kitbiet varji li jridu jsiru f'sena waħda meta tqis li fi tliet lezzjonijiet l-għalliema trid tkopri mhux biss is-sillabu tal-lingwa iżda wkoll tal-letteratura, biex ma nsemmux ukoll tas-smigħ u l-qari. Barra minn hekk jekk student jikseb il-livell 9 fil-kitba imma ma jiksibx il-livell 9 fit-taħdit x'jiġri? L-għalliema qed tiġi mistennija li tagħmel xogħol differenti għal kull student. Kif jista' dan qatt isir jekk ikollok 28 studenta fi klassi waħda.Kif se jiġu assessjati dawn il-ħiliet u min ser jagħmel il-karti tal-eżamijiet - għax pratikament għal kull ħila trid tagħmel xi tip ta' assessjar u għalhekk nerġa' nistaqsi fi xħin ħa jsir dan kollu?

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

Personalment ma fhimtx dan il-punt - Għaliex nitgħallem ngħix ma' Ħaddieħor?

NITGĦALLEM NGĦIX MA' ĦADDIEĦOR
16] Naf kif ngħaqqad u nikteb prefiss ma' prefiss ieħor quddiem xi kliem bħal bużbużnannu, pitpitgħada, postpost-Moderniżmu, u l-bqija

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

---

#701

teacher | maltese | secondary | church_school

***General comments or concerns about the subject:***

Personalment inħoss li dan il-livell hemm ċans li jintlaħaq aktar meta student ikollu 18-il sena u mhux meta jkollu 16. Ma nħossx li jkun għadu mmatura biżżejjed biex janalizza l-letteratura b'dan il-mod .7] Naqra u napprezza testi ewlenin minn letteraturi barranin, tradotti jew fl-ilsien oriġinali, u nagħraf li jista' jkun hemm xi tnebbiħ u influwenzi, xebh jew differenzi ma' dawk Maltin. 8] Nevalwa b'għajnejn kritiċi, bil-fomm u/jew bil-kitba, ix-xebh u/jew id-differenzi bejn għadd ta' testi ta' ġeneri differenti, studjati minn qabel jew le, inxebbah l-ideat jew l-argumenti tagħhom, niżen fehmiet differenti oħra fuqhom, inqis l-udjenza għal min inkitbu u l-kuntest soċjali, storiku u kulturali. Barra minn hekk jekk ħa nimxu fuq dawn il-livelli naħseb li jrid jinbidel is-sillabu wkoll biex idaħħal dramm jew xogħol tradott.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

Nitgħallem inkun jien u nitgħallem ngħix ma' ħaddieħor. Inħoss li dawn mhumiex ċari u pjuttost żejda fil-kuntest. Bħalma diġa semmejt hemm ċerti punti li nħoss li aktar jintleħqu wara l-livell tas-sekondarja. Jekk irridu naslu għal dan il-livell fis-sekondarja, naħseb li rridu nibdew inbidlu kultura sħiħa fejn aktar milli jkun hemm għadd ta' poeżiji biex jistudjawhom għall-eżami - l-istudent jingħata kitba u jrid janalizzaha dak il-ħin u jqabbilha ma' xogħlijiet oħra li jkun qara. Biss nerġa' ngħid li nħoss li sal-ħames sena tas-sekondarja jkun għadu kmieni wisq.

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

---

#702

teacher | maltese | secondary | state_school

***General comments or concerns about the subject:***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would take out? Specify which and why.***

***Are there any Learning Outcomes you (respondants) would include? Specify which and why.***

L-Aspett tas-Suġġett: Il-Kitba

F'punt 14 nissuġġerixxi li tiżdied din is-sentenza: Meta nuża dawn il-mezzi naf kif nagħmel distinzjoni bejn aċċent grafiku u appostrofu, bħal ngħidu aħna, fil-kelmiet papà u baqa'.

Ħafna studenti għadhom jitfixklu meta jiġu biex jagħmlu din id-distinzjoni.

---